Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,922, 14 ta' Marzu, 2000
Taqsima B

A.L. 40 ta' l-2000

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)

Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-I*sports*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 203 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Ministru ta' l-Intern għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2000 li jemendaw ir-Regolamenti biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-I*sports*, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1978 biex jinżamm l-Ordni Pubbliku fil-*Grounds* ta' l-I*sports*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 88 ta' l-1978.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-tifsira ta' "*ground* ta' l-i*sports*" fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, flok il-partita (ħ) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(ħ) l-Istadium ta' Għawdex;".